MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 590/2003

**Avviz Nru. 590/03VG**

**Twanny u Annabel konjugi Sultana**

**Vs**

**Leo Borg u Carmelo Borg bhala rapprezentant ta' ibnu minuri Marc Borg u b'Digriet tat-8 ta' Ottubru 2010 gie kjamat in kawza Shaun Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat minn Twanny u Annabel konjugi Sultana fl-1 ta' Dicembru 2003, permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti, prevja l-likwidazzjoni opportuna, tikkundanna lil Leo Borg u Carmelo Borg bhala rapprezentant ta' ibnu minuri Marc Borg ihallsu d-danni hekk likwidati u minnhom sofferti, liema danni gew ikkawzati minn Leo Borg u Marc Borg fit-8 ta' Novembru 2003 fil-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta' Registrazzjoni ANA 079 appartenenti

lil Annabel Sultana u fil-mutur a' l-ghamla Yamaha bin-Numru ta’ Registrazzjoni EBD 064 appartenenti lil Twanny Sultana, kif ukoll telf ta’ uzu ta’ l-istess vetturi. Il-hsarat fil-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni ANA 079 gew ikkawzati volontarjament minn Leo Borg u Marc Borg jew min minnhom wara li l-istess vettura nsterqet mill-konvenuti, filwaqt li l-hsarat fil-mutur bin-Numru ta’ Registrazzjoni EBD 064 gew ikkawzati meta Leo Borg u Marc Borg kienu qed jippruvaw jaharbu bil-vettura taghhom u ghaddew minn fuq l-istess mutur fit-tentattiv taghhom li jaharbu. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid ipprezentat kontra Carmelo Borg nomine fit-18 ta’ Novembru 2003, u bl-imghaxijiet skont il-Ligi;

Rat li l-atturi konjugi Sultana ddikjaraw li d-danni minnhom sofferti ma jeccedux is-somma ta’ Lm2,500, illum ekwivalenti ghal €5,823.43;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Leo Borg u ta’ Carmelo Borg bhala rapprezentant ta’ ibnu minuri Marc Borg permezz ta’ liema jeccepixxu li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li: (i) id-danni sofferti mill-atturi konjugi Sultana ma gewx ikkawzati minn Leo Borg u minn Marc Borg; u li (ii) fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz mill-atturi huwa ezagerat;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur Twanny Sultana moghtija waqt is-seduti tal-21 ta’ April 2004[1] u ta’ l-20 ta’ Ottubru 2004[2] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2004 markati Dok. “TS1” u Dok. “TS2” a fol. 14 sa’ 22 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ l-Ispettur Maurice Curmi moghtija waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2004[3] u rat id-dokumenti minnu esebiti u markati Dok. “MC1”, Dok. “MC2” u Dok. “MC3” a fol. 26 sa’ 32 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Tarcisio Mercieca moghtija waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2004[4] u ta’ l-attrici Annabel Sultana moghtija waqt is-seduti tal-21 ta’ April 2004[5] u ta’

[1] Fol. 11 sa’ 13 tal-process.
[2] Fol. 41 sa’ 42 tal-process.
[3] Fol. 23 u 24 tal-process.
[4] Fol. 33 tal-process.
[5] Fol. 35 tal-process.

l-20 ta' Ottubru 2004[6], semghet ix-xhieda ta' Victoria Camilleri[7] u ta' Michael Cacciattolo[8] moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2005, semghet ix-xhieda tal-konvenut Leo Borg moghtija waqt is-seduti tal-25 ta' Mejju 2005[9] u tat-28 ta' Jannar 2009[10], ix-xhieda ta' Kirsten Mifsud moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2009[11], ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2009[12] u x-xhieda tas-Supretendent Carmelo Magri moghtija waqt is-seduti tas-7 ta' Dicembru 2009[13] u tat-22 ta' Frar 2010[14];

Rat u kkunsidrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija waqt il-proceduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Leo Borg et" esebiti mill-konvenuti permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Mejju 2005 markati Dok. "B" sa' Dok. "L" a fol. 92 sa' 124 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti mill-atturi konjugi Sultana permezz ta' Nota pprezentata fl-1 ta' Dicembru 2004 markati Dok. "X" u Dok. "Y" a fol. 48 sa' 77 tal-process;

Rat id-Digriet tat-8 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema gie kjamat fil-kawza Shaun Zammit;

Rat illi Shaun Zammit ghalkemm debitament notifikat bl-Avviz naqas milli jipprezenta Nota ta' Eccezzjonijiet ghall-istess u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Pulizija v. Sean Zammit" pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal fis-16 ta' Settembru 2010 a fol. 208 sa' 210 tal-process;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti;

---

[6] Fol. 44 u 45 tal-process.
[7] Fol. 127 u 128 tal-process.
[8] Fol. 132 u 133 tal-process.
[9] Fol. 129 sa' 131 tal-process.
[10] Fol. 164 sa' 167 tal-process.
[11] Fol. 170 sa' 172 tal-process.
[12] Fol. 184 u 185 tal-process.
[13] Fol. 187 sa' 189 tal-process.
[14] Fol. 195 sa' 196 tal-process.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-atturi konjugi Sultana jitolbu li l-konvenuti ahwa Borg, b'Marc Borg rapprezentat f'dawn il-proceduri minn missieru Carmelo Borg, jigu kkundannati jhallsuhom is-somma likwidata mill-Qorti rapprezentanti danni minnhom sofferti b’konsegwenza tal-hsarat fil-vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta’ Registrazzjoni ANA 079 u fil-mutur ta’ l-ghamla Yamaha bin-Numru ta’ Registrazzjoni EBD 064, ghal liema hsarat qed izzommu responsabbli lill-konvenuti ahwa Borg. Il-konvenuti ahwa Borg da parte taghhom jopponu ghat-talba attrici in bazi ghall-eccezzjoni li huma ma kkawzaw ebda hsara fil-vetturi ta' l-atturi u b'hekk ma kkawzawlhom ebda dannu, u fi kwalunkwe kaz l-ammont ta’ danni pretiz mill-atturi huwa ezagerat.

Il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew f’Ghawdex nhar it-8 ta’ Novembru 2003 meta nsterqet il-vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta’ Registrazzjoni ANA 079, appartenenti lill-attrici Annabel Sultana, minn quddiem il-fond residenzjali ta’ l-atturi gewwa l-Gharb. L-atturi jsostnu li l-vettura in kwistjoni insterqet mill-konvenuti ahwa Borg u kienu huma li habtu b’din il-vettura go hajt u kienu huma wkoll li b’vettura ta’ l-ghamla Isuzu Gemini saqu ghal fuq il-mutur ta’ l-ghamla Yamaha bin-Numru ta’ Registrazzjoni EBD 064, appartenenti lill-attur Twanny Sultana, bil-konsegwenza li kkawzaw hsarat kemm fil-vettura kif ukoll fil-mutur.

Waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2004, l-attur Twanny Sultana xehed illi *fit-8 ta’ Novembru 2003, ghall-habta tad-9:00/9:15 ta’ filghaxija, ftit wara li jiena u marti konna rtirajna fir-residenza taghna, dak il-hin marti semghet xi ftit storbju, harget tittawwal u rat zewg zaghzagh illi, wara li llevaw il-bieba tal-karozza, jew kissru l-hgiega, dahlu fil-karozza taghna li ggib in-numru ANA 079 u telqu biha. Jiena ghalhekk hrigt il-mutur tieghi, il-mara tieghi rikbet warajja, u mort insegwi din il-vettura. Nizzilt il-mara ghand ommha u jiena bqajt indur biex nara nsibx il-vettura tieghi.*

*Inzilt lejn id-Dwejra u nara l-vettura tieghi. Rajt dawn iz-zewg zaghzagh johorgu mill-karrozza tieghi, u jirkbu go karozza ohra ta' tip Isuzu Gemini. U kien hemm erba' zaghzagh ohra. Il-karozza tieghi sibtha mahbuta go hajt mkissra. Wara li jiena kkonstatajt li l-vettura tieghi kienet iddanneggjata, jiena mbaghad ergajt irkibt il-mutur u ergajt tlaqt biex insegwi lil dawn iz-zaghzagh li ghamluli din il-hsara. Jiena lhaqt maghhom fit-telgha tad-Dwejra. Izda, ghalkemm bdejt naghmillhom sinjali biex jieqfu, dawn mhux talli ma waqfux, talli ppruvaw iwaqqghuni minn fuq il-mutur u sahansitra wiehed minnhom hareg mit-tieqa, ipprova jaqbadli jdejja biex jipprova jwaqqaghni minn fuq il-mutur ukoll. Jiena bqajt insegwihom sakemm wasalna l-Pjazza ta' San Pietru l-Gharb. Jiena bqajt insegwihom u ndunajt illi huma dahlu go sqaq illi ma kien iwassal imkien hlief go ghalqa, u allura kif rajthom dahlu hemmhekk, jiena ghalaqt dan l-isqaq bil-gebel u meta huma indunaw illi ma setghux jergghu johorgu, lili bdew jitfghuli l-gebel. Lili laqtuni bil-gebel u wiehed minnhom beda jheddidni li kellhom senter gol-karozza u ser juzah. Jiena ghalhekk imbaghad irtirajt u hallejthom allura jnehhu l-gebel u huma telghu gol-karozza u telqu minn fuq il-post. Izda qabel ma telqu, biex jien ma nkunx nista' nsegwihom, min kien qed isuq dil-vettura dahal gol-mutur tieghi biex iddanneggjah. Irriversja xi darbtejn jew tlieta ghal fuq il-mutur tieghi. Iktar tard gew il-pulizija u morna fuq il-post fejn kien hemm il-vettura tieghi biex saret ispezzjoni taghha u mbaghad billi jiena stajt nghid lill-Pulizija illi dawn iz-zaghzagh kienu Maltin, ghax gharafthom mill-accent, u billi kien ser ikun hemm vapur extra, ghax dak iz-zmien kien hemm l-opera Ghawdex, il-pulizija u jiena nzilna x-Xatt biex naraw ngharrfuhomx. U f'hin minnhom gharaft iz-zewg zaghzagh li kienu involuti fis-serq tal-karozza tieghi. Gharafthom mill-ilbies u anke mill-kulur ta' xagharhom. Wiehed minnhom naf li kellu xaghru spiky ta' kulur isfar. U qieghed naghrfu hawnhekk fl-Awla. L-iehor kien xaghru iswed liebes qmis blu. Jiena wara stajt nikkonstata illi dawn iz-zewg zaghzagh kienu ahwa. Il-pulizija tas-CID imbaghad irrintraccjaw il-vettura ta' dawn iz-zewg zaghzagh, li kienet*

*ipparkjata ftit iktar 'il fuq mix-Xatt u mbaghad minn hemmhekk il-pulizija komplew jinvestigaw huma*[15].

Waqt l-istess seduta tal-21 ta' April 2004 l-attrici Annabel Sultana ddikjarat illi *jiena smajt lil zewgi jixhed f'din il-kawza u nikkonferma dak kollu li qal hu, fejn jirrigwarda lili u fejn kont presenti jiena. Meta jiena ttawwalt mill-gallarija u rajt lil dawn iz-zewg zaghzagh jisirqu l-vettura taghna, jiena stajt naghrafhom, peress li meta fethu l-bieba d-dawl ta' gewwa tal-karozza baqa' mixghul. U jiena qed naghraf lil Leo Borg bhala wiehed minn dawn iz-zaghzagh li sgassa u seraq il-vettura tieghi*[16].

Entrambe l-atturi zammew ferma l-posizzjoni taghhom anke waqt il-kontro-ezamijiet li sarulhom u baqghu jinsistu li r-responsabilità ghad-danni minnhom sofferti b'konsegwenza ta' dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003, hija tal-konvenuti ahwa Borg.

Da parte taghhom il-konvenuti ahwa Borg jinsistu li bl-ebda mod ma kienu involuti f'dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003 gewwa Ghawdex u ma humiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi konjugi Sultana minhabba l-hsarat kawzati fil-vetturi taghhom. Il-konvenut Leo Borg xehed illi huh Marc Borg bl-ebda mod ma seta' kien involut f'dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003 ghaliex ghad illi dakinhar huh Marc tela' Ghawdex mieghu huwa baqa' l-hin kollu gewwa l-Flamingo Bar peress illi kien ghamillu d-deni l-vapur huma u telghin Ghawdex, u ghal dak li jirrigward lilu personalment, ghalkemm ikkonferma li waqt li kien bil-vettura tieghu ma' xi persuni ohra gewwa ghalqa kellu skontru ma' l-attur Twanny Sultana li dak il-hin kien fuq il-mutur qed jghajjat maghhom, cahad li kien involut fis-serq tal-vettura.

Dana xehedu kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-proceduri "Il-Pulizija v. Leo Borg et" waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2005[17] fejn iddikjara li *l-gurnata ta' qabel konna*

---

[15] Fol. 11 u 12 tal-process.
[16] Fol. 35 tal-process.
[17] Vide traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 99 sa' 103 tal-process.

*ftehmna li nitilghu Ghawdex jiena u hija u tlajna mal-vapur, la naf tas-sebgha (7:000) u lanqas tat-tmienja (8:00), wiehed minnhom. U tlajna u l-vapur dardar lil hija. U ghidna "Ha mmorru l-"Flamingo". Ma konniex nafu fejn hu. Konna nafu li x'imkien f'xi pjazza jew hekk imma lanqas ideja. U nfittxu, nfittxu u sibnieh il-"Flamingo". Dhalna. Hija kien naqra stordut minhabba li l-vapur, ghamillu naqra deni u hekk billi kien ilu ma jirkeb u hekk. U poggejtu bilqeghda w inserta kien hemm ragel jafu. Ghidtlu: "Oqghod naqra mieghu halli jiena sadanittant noqghod nixrob naqra u hekk" fhimt. U kien hemm wiehed Ghawdxi, qalli: "Trid nilghabu loghoba Billiard?" rani wahdi u hekk. Ghidtlu: "Mela le" jien. U bdejna nilghabu l-Billiard u kien hemm zewg Russi jew x'inhuma insomma ma nafx, barranin. U qbadna maghhom ahna. U ghamilna nofs siegha qisu hemmhekk. U qalli: "Triq immorru dawra?" Ghidtlu "Mela le, jien mhux xorta jien". U morna bil-karozza tieghi, irkibt gol-karozza jien u hu rikeb fuq in-naha tal-passiggier. Qalli: "Ersaq, ersaq ha nsuq jiena ghax inti ma tafux hawn." Ghidtlu: "Mhux xorta, suq inti hux". Sadanittant ir-Russi rikbu wara jew x'inhuma. U morna dawra ahna u dahal f'post imwarrab. F'daqqa wahda wasal ragel, jidhirli li kien hu* – ossia l-attur Twanny Sultana - *… u qabad jghajjat. U jien ghidtlu: "Ma dhalniex f'xi bicca propjetà privata ahna hux?*, kif ukoll fil-proceduri odjerni waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2005[18], fejn in kontro-ezami ddikjara li *ghalkemm kienet il-karozza tieghi saq wiehed Ghawdxi u qalli li ried isuq hu ghaliex jiena Ghawdex ma nafux u jiena qbilt mieghu. Dan l-Ghawdxi jiena ma nafx x'jismu, qatt ma kont rajtu qabel. Ahna bdejna induru u morna go ghalqa u hareg ragel u beda jghajjat. Meta beda jghajjat dak ir-ragel x'qalli dan l-Ghawdxi li kien qed isuq jiena ma nafx. Ahna ppanikjajna, din l-ghalqa ahna hsibniha li kienet art privata u kien hemm xi mizrugh u ghalhekk beda jghajjat maghna. Ma nafx jekk din il-ghalqa kienitx tinfed ghal x'imkien iehor, ma nafx minn fejn hrigna u ma nafx jekk ergajniex hrigna minn fejn dhalna. Ma neskludix li bil-panic li kellna ilqatna lil dan ir-ragel, ilqatnielu l-mutur. Ghaliex morna go din l-ghalqa jiena ma nafx. Ahna kellna zewg tfajliet maghna,*

---

[18] Fol. 129 sa' 131 tal-process.

*morna f'din l-ghalqa biex insibu post fil-kwiet ghaliex kellna zewgt tfajliet maghna, kemm domna ma nafx izda inqas minn saghtejn, hafna inqas minn saghtejn. Hija meta mort ghalih il-Flamingo kien ghadu hemm.*

Waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2009[19] il-konvenut Leo Borg kompla jghid illi *l-akkuza kontra tieghi kienet ta' serq ta' karozza. Dina ma kienetx il-karozza li konna qeghdin induru biha. Dik kienet tieghi. Il-karozza li suppost kellha tkun misruqa qatt ma rajtha però gejt misjub hati u ghaddejt xi sentejn u nofs il-habs. Bejn li nqatghet is-sentenza u l-appell missieri kien baghat ittra lill-Kummissarju u konna ltqajna mieghu. Issa li ghamilt iz-zmien tieghi l-habs ergajna ktibna lill-Kummissarju ghandna niltaqghu miehu. Jiena gejt misjub hati fuq ix-xhieda ta' l-attur. Hu kien xehed li jiena sraqtlu l-karozza u kienet fuq ix-xhieda tieghu li jiena gejt misjub hati. … mistoqsi huwiex minnu illi l-attur kien gie warajna bil-mutur wara li konna sraqna l-karozza, nghid illi le. Fil-Qorti l-attur stess kien qal illi l-mutur ma kienx f'kundizzjoni li jinstaq. Nista' nikkonferma illi fl-akkuza li kelli gejt akkuzat ukoll li aggredejt lill-attur, Twanny Sultana. Dan mhuwiex minnu, izda gejt misjub hati tieghu*.

Wara li nghalaq l-istadju tal-provi l-konvenuti talbu u ottjenew l-awtorizzazzjoni mill-Qorti sabiex tixhed Kirsten Mifsud. Waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2009[20] din Mifsud iddikjarat illi *xi hames snin ilu fi zmien il-Milied jiena kont qieghda fil-pjazza ta' H'Attard u hemmhekk iltqajt ma' persuna bl-isem ta' Shawn imlaqqam iz-Zelli li kont fil-kumpanija ta' persuni ohra u qalli 'dawk iz-zewgt ibhahan Leo u huh x'ghamlu marru jisirqu karozza u qabduhom". Qalli jiena sraqt karozza minn Ghawdex Fiat Punto, farraktha, kissirtha, inzilt Malta u qisu qatt ma gara xejn.*

In bazi ghal din id-dikjarazzjoni regghu infethu l-investigazzjonijiet dwar is-serq tal-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta' Registrazzjoni ANA 079 u l-hsarat kawzati f'din il-vettura u fil-mutur ta' l-ghamla Yamaha bin-Numru ta' Registrazzjoni EBD 064, kif ikkonfermat mill-

---

19 Fol. 164 sa' 166 tal-process.
20 Fol. 170 sa' 172 tal-process.

Ufficjal Investigattiv is-Supretendent Carmelo Magri[21], u ttiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Sean Zammit, kjamata in kawza f'dawn il-proceduri, ta' 23 sena bin George u Emanuela neè Zammit imwieled il-Pietà fit-30 ta' Novembru 1986, residenti "Thank God" Triq iz-Zghar, Attard, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 544686(M). B'sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Settembru 2010[22], in segwitu ghall-ammissjoni da parte ta' Zammit ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu, Zammi instab hati tas-serq tal-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta' Registrazzjoni ANA 079 nhar it-8 ta' Novembru 2003 fid-9:20p.m. gewwa Ghawdex, u tal-hsarat kawzati dakinhar stess f'din l-istess vettura u fil-mutur ta' l-ghamla Yamaha bin-Numru ta' Registrazzjoni EBD 064 a dannu ta' Annabel Sultana u ta' Twanny Sultana.

Il-konvenuti jsosntu li x-xhieda ta' Kirsten Mifsud u tas-Supretendent Carmelo Magri u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 16 ta' Settembru 2010 fil-konfront ta' Sean Zammit, jshahhu u jikkonfermaw id-difiza taghhom f'dawn il-proceduri illi huma ma kkawzaw ebda hsarat fil-vetturi ta' l-atturi konjugi Sultana u konsegwentement ma ghandhomx jigu tenuti civilment responsabbli ghad-danni li huma jikkontendu li sofrew b'konsegwenza ta' dawn l-allegati hsarat.

Il-Qorti tosserva li huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili*[23], u li *fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-*

[21] Xhieda moghtija waqt is-seduti tas-7 ta' Dicembru 2009, fol. 187 sa' 189 tal-process u tat-22 ta' Frar 2010, fol. 195 tal-process.
[22] Fol. 208 sa' 210 tal-process.
[23] Frank Giordamaina Medici et v. William Rizzo et, Citaz. Nru. 984/94 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2004.

*provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostazni zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*[24].

Mill-provi prodotti waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri l-Qorti ma hijiex sodisfatta li il-konvenut Marc Borg ghandu jinstab civilment responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi b'konsegwenza tal-hsarat kawzati fil-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta' Registrazzjoni ANA 079 u fil-mutur ta' l-ghamla Yamaha bin-Numru ta' Registrazzjoni EBD 064, u dana billi dak li jirrizulta mill-istess provi fir-rigward ta' l-allegat involviment ta' Marc Borg f'dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003 gewwa Ghawdex a detriment ta' l-atturi konjugi Sultana ma jissodisfax il-grad prova rikjest fil-kamp civili.

Mill-provi prodotti jirrizulta li kienet l-attrici Annabel Sultana li attwalment rat il-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta' Registrazzjoni ANA 079 tinsteraq minn quddiem id-dar residenzjali taghha u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti hija hi l-iktar persuna li setghet tara *a tempo vergine* il-persuna jew persuni li serqu l-vettura taghha. F'tali rigward waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2004[25] l-attrici xehdet illi *il-karozza jien kont l-ahhar li wzajtha kont hallejtha parkjata ma' gemb tad-dar bejn id-dar u l-karozza kien hemm bankina zghira. Kienet in-naha ta' driver li kienet vicin id-dar. Meta smajt il-hsejjes jiena ttawwalt mill-gallerija. X'hin ittawwalt jiena kienu diga sgassaw il-karozza u dahlu fiha u kienet diga qed in moviment diga nofsa mdawwra. Il-karozza jiena hallejtha miftuha huma xorta wahda kisru l-bieba. Jiena l-isgass ma*

---

[24] George Bugeja v. Joseph Meilak, Citaz. Nru. 462/02 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003.
[25] Fol. 44 u 45 tal-process.

*rajtux qed nassumi li min dahal u hadilna l-karozza kien hu li sgassa l-bieba. Jiena nerga' nikkonferma li gharaft bhala wiehed mill-persuni li kien fil-karozza tieghi lil Leo Borg il-konvenut. Kien hu li kien qed isuq il-vettura tieghi. Ghalkemm jiena stajt nara li kien hemm passiggier ukoll l-uniku wicc li stajt nara kien tas-sewwieq. Il-passiggier kont qed narah profil waqt li d-driver stajt nara wiccu kollu. Il-passigier li nista' nghid jixbah lil Mark Borg izda jiena ma nistax nghid b'certezza li kien Mark Borg. Il-passigier meta mbghad rajt iz-zewg konvenuti x-xatt jiena mbaghad stajt nghid li Mark Borg kien dik il-persuna li kien passenger seat. Leo Borg kien bilqeghda waqt li qed isuq u allura kull ma nista' nghid li kien liebes t-shirt ftit car. … Lil Leo Borg gharaftu meta seraq il-karozza u mbaghad ergajt gharaftu x-Xatt u bejn dawn iz-zewg incidenti jiena nahseb li ghaddew siegha u nofs meta jien ergajt gharaft lil Leo Borg ix-Xatt dan ma kienx liebes l-istess ilbies illi jien deherli li kellu fuqu meta kien fil-karozza taghna, izda jiena certa li kien Leo Borg u wiccu ma ninsieh qatt.*

Minn din ix-xhieda johrog b'mod car li filwaqt illi l-attrici hija certa li l-konvenut Leo Borg kien involut fis-serq tal-vettura taghha, tant illi tghid *wiccu ma ninsieh qatt,* ma tesprimix l-istess certezza fir-rigward tal-konvenut Marc Borg tant illi tghid *jiena ma nistax nghid b'certezza li kien Mark Borg*. Huwa evidenti li l-attrici rabtet lill-konvenut Marc Borg mas-serq tal-vettura taghha ghaliex ratu flimkien mal-konvenut Leo Borg meta kienu x-Xatt biex jaqbdu l-vapur lura ghal Malta. Din hi konnessjoni li ghamlet l-attrici ibbazata fuq il-presunzjoni li ladarba Marc Borg kien ma' Leo Borg ix-Xatt allura necessarjament kellu jkun mieghu fil-mument li nsterqet il-vettura, presunzjoni din li fil-fehma tal-Qorti ma hijiex sufficjenti, partikolarment fid-dawl ta' provi ohra li rrizultaw dwar Marc Borg, biex tirradika responsabilità civili fih ghad-danni sofferti mill-atturi konjugi Sultana b'konsegwenza ta' dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003.

Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt li l-affermazzjoni tal-konvenut Leo Borg li tul il-hin kollu li ghamlu Ghawdex huh Marc Borg qaghad il-Flamingo Bar, giet ikkoroborata minn Michael Cacciattolo li waqt il-proceduri kriminali fil-

konfront ta’ l-ahwa Borg xehed *dakinhar Mark kien naqra, rajtu ma jiflahx, fhimtha. Kwazi kwazi, biex ma nghidlekx qaghad il-hin kollu hdejja. Irrimetta rajtu darbtejn, ghedtlu: “Ahjar toqghod hawn bilqeghda sakemm ninzel jien. Imbaghad fil-kaz jekk trid tinzel mieghi, jiena ninzel ma’ ta’ l-ahhar, inzel mieghi.” Qalli: “Issa fil-kaz nistenna lil hija. Imbaghad jekk hija ma jkunx niezel, wassalni sal-vapur, imbaghad nilhqek hemm”. Ghidtlu: “all right hux”*. Mistoqsi jekk Marc Borg telaqx f’xi hin mill-Flamingo Bar, Michael Cacciattolo rrisponda *No. … Sakemm domt hemm jiena m telaqx ghax qed nghidlek kien ma jiflahx it-tifel*.

Ghalkemm l-attur Twanny Sultana jikkontendi li huwa gharaf lil entrambe l-konvenuti bhala z-zaghzagh li serqu l-vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta’ Registrazzjoni ANA 079 u li ghamlulu l-hsara fil-mutur tieghu ta’ l-ghamla Yamaha bin-Numru ta’ Registrazzjoni EBD 064, il-Qorti hija iktar propensa li tistrih fuq ix-xhieda ta’ l-attrici Annabel Sultana peress illi kif già iktar ‘l fuq osservat hija kienet fl-ahjar posizzjoni biex tara w in segwitu taghraf ghall-inqas wiehed miz-zewg zaghzagh li serqu l-vettura in kwistjoni.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti t-talba attrici kif diretta fil-konfront tal-konvenut Marc Borg ma tistax tirnexxi in kwantu ma tressqitx prova sodisfacenti tar-responsabilità tieghu ghad-danni subiti mill-atturi konjugi Sultana b’konsegwenza tal-hsarat kawzati fil-vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta’ Registrazzjoni ANA 079 u fil-mutur ta’ l-ghamla Yamaha bin-Numru ta’ Registrazzjoni EBD 064 nhar it-8 ta’ Novembru 2003 gewwa Ghawdex.

L-istess però ma jistax jinghad fir-rigward tal-konvenut l-iehor Leo Borg u dana nonostante l-fatt li fis-16 ta’ Settembru 2010 giet pronuncjata sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-konfront tal-kjamat in kawza Zammit in segwitu ghal ammissjoni da parte tieghu ghall-akkuzi dedotti kontrih, fosthom l-akkuzi li *fit-8 ta’ Novembru 2003 ghall-habta tad-9:20 ta’ filghaxija gewwa l-Gharb, Ghawdex flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ANA079 ghad-*

*dannu ta' Anabel Sultana, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi … €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa*; *fl-istess data, hin, lok u cirkostazni, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè ghamel hsara fuq l-istess vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ANA079 ghad-dannu ta' Anabel Sultana, liema hsara tammonta ghal izjed minn … €1,164.69; fl-istess data, hin, lok u cirkostazni, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè ghamel hsara fuq mutur ta' l-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni EBD064 ghad-dannu ta' Twanny Sultana, liema hsara tammonta ghal izjed minn … €116.47 izda ma tiskorrix … €1,164.69* .

Ghalkemm il-konvenut Leo Borg jikkontendi li l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-kjamat in kawza Zammit tiskolpah minn kull responsabilità ghal dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003 u l-konsegwenti hsarat kawzati fil-vettura u mutur meritu tal-kontestazzjoni, in verità l-provi mressqa quddiem din il-Qorti juru mod iehor.

Jibda biex jinghad li skont Kirsten Mifsud[26] il-kjamat in kawza Zammit kien qalilha *dawk iz-zewgt ibhahan Leo u huh x'ghamlu marru jisirqu karozza u qabduhom. Qalli jiena sraqt karozza minn Ghawdex Fiat Punto farraktha, kissirtha, inzilt Malta u qisu qatt ma gara xejn*. Minn din ix-xhieda jidher b'mod car li Zammit fl-ebda hin ma qal lil Mifsud li l-konvenut Leo Borg u huh (ghalkemm il-Qorti zzomm ferm il-posizzjoni Taghha dwar Marc Borg) ma kienux involuti f'serq ta' vettura u jidher ghalhekk li kienet hi li wasslet ghall-konkluzzjoni *mhux sew tehel persuna ghal haga li ma tkunx ghamlet* wara li kienet tkellmet mal-konvenut Leo Borg u qalilha li kien wehel sentejn u nofs habs ghal serq ta' vettura.

Waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2010[27] is-Supretendent Carmelo Magri xehed illi *mill-ahhar seduta lil hawn irrid nghid li jiena kont tkellimt mas-superjuri tieghi fuq il-kaz in kwistjoni u gie deciz illi billi jiena kont dhalt fil-fond f'din l-*

---

[26] Seduta ta' l-20 ta' April 2009, fol. 170 sa' 172 tal-process.
[27] Fol. 195 tal-process.

*istess kwistjoni nkompli bl-investigazzjonijiet jien. Fil-fatt mill-ahhar seduta lil hawn bghatt ukoll ghal xi nies li gew indikati mill-konvenuti stess u wara li kellimt lil dawn in-nies irrid nghid li llum il-gurnata ttiehdet id-decizjoni li jittiehdu passi kontra persuna ohra li jista' jkun tkun involuta fis-serqa tal-vettura meritu ta' dawn il-proceduri. Jiena c-charges kontra dan l-individwu ressaqthom quddiem il-Qorti tal-Magistrati Gudikatura Kriminali f'Ghawdex…* L-akkuza dwar is-serq tal-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru tar-Registrazzjoni ANA 079 li tressqet kontra din il-persuna l-ohra – u cioè il-kjamat in kawza Zammit – hija fis-sens li *fit-8 ta' Novembru 2003 ghall-habta tad-9:20 ta' filghaxija gewwa l-Gharb, Ghawdex flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ANA079 ghad-dannu ta' Anabel Sultana, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi … €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.*

Mix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Magri u mill-akkuzi dedotti kontra Zammit ukoll ma jirrizultax li l-konvenut Leo Borg qed jigi skoplat ghal dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003, li jirrizulta biss huwa li kien hemm persuna ohra involuta f'dak li gara dakinhar.

In effetti mill-provi prodotti jirrizulta li l-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta' Registrazzjoni ANA 079 insterqet minn zewg zaghzagh u li fil-vettura l-ohra li saqet ghal fuq il-mutur bin-Numru ta' Registrazzjoni EBD 064 kien hemm iktar minn persuna wahda. Mill-istess provi jirrizulta b'mod sodisfacenti li l-konvenut Leo Borg kien prezenti fuq ix-xena taz-zewg reati u ghalhekk il-Qorti difficilment tista' tikkonkludi li huwa kien ghal kollox estraneju ghal dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003 gewwa Ghawdex u konsegwentement li ma huwiex civilment responsabbli versu l-atturi ghad-danni minnhom sofferti.

Kif già iktar 'l fuq osservat l-attrici Annabel Sultana hija konvinta li wiehed miz-zewg zaghzagh li seraq il-vettura taghha kien il-konvenut Leo Borg u din il-konvinzjoni baqghet issotniha tul il-proceduri kriminali kif ukoll tul dawn il-proceduri. Jigi ribadit illi fir-rigward tal-konvenut

Leo Borg xehdet illi *jiena nerga' nikkonferma li gharaft bhala wiehed mill-persuni li kien fil-karozza tieghi lil Leo Borg il-konvenut. … Lil Leo Borg gharaftu meta seraq il-karozza u mbaghad ergajt gharaftu x-Xatt u bejn dawn iz-zewg incidenti jiena nahseb li ghaddew siegha u nofs meta jien ergajt gharaft lil Leo Borg ix-Xatt dan ma kienx liebes l-istess ilbies illi jien deherli li kellu fuqu meta kien fil-karozza taghna, izda jiena certa li kien Leo Borg u wiccu ma ninsieh qatt.* Il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex temmen lil Annabel Sultana li hija hekk konvinta li rat lil Leo Borg jisraq il-vettura taghha, partikolarment meta u kuntrarjament ghall-kaz ta' Marc Borg, ma tressqux provi li sodisfacentement juru li Leo Borg ma kienx involut f'dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003 gewwa Ghawdex.

In kwantu rigwarda l-hsarat fil-mutur appartenenti lil Twanny Sultana, il-konvenut Leo Borg stess ikkonferma li dahal bil-vettura tieghu go ghalqa u gie ikkonfrontat mill-attur Twanny Sultana. F'tali rigward huwa xehed[28] *ahna bdejna nduru u morna go ghalqa u hareg ragel u beda jghajjat. Meta beda jghajjat dak ir-ragel x'qalli dan l-Ghawdxi li kien qed isuq jiena ma nafx. Ahna ppanikjajna, din l-ghalqa ahna hsibniha li kienet art privata u kien hemm xi mizrugh u ghalhekk beda jghajjat maghna. Ma nafx jekk din l-ghalqa kienitx tinfed ghal x'imkien iehor, ma nafx minn fejn hrigna u ma nafx jekk ergajniex hrigna minn fejn dhalna. Ma neskludix li bil-panic li kellna ilqatna lil dan ir-ragel, ilqatnielu l-mutur*. Il-konvenut Leo Borg jaghti versjoni tal-fatti ferm partikolari u ghal kwantu inverosimili ta' x'gara fit-8 ta' Novembru 2003 u proprio ghaliex il-Qorti ma hijiex sodisfatta mill-veracità ta' dak minnu affermat hija iktar propensa li temmen illi huwa dahal bil-vettura tieghu, flimkien ma' nies ohra, go din l-ghalqa wara li insterqet u giet danneggjata l-vettura ta' l-attrici Annabel Sultana u volontarjament ghamlu l-hsara lill-mutur ta' l-attur Twanny Sultana x'hin gew ikkonfrontati minnu.

[28] Kontro-ezami waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2005, fol. 129 sa' 131 tal-process.

Apparte minhekk mir-rapport ta’ l-Espert Joseph Zammit fl-atti ta’ l-Inkjesta dwar dan il-kaz[29], jirrizulta li l-hsara fil-mutur giet kawzata mill-vettura li dakinhar kienet fil-pussess tal-konvenut Leo Borg u din kienet hsara ta' natura volontarja. L-Espert Joseph Zammit ikkonstata li *l-hsara li nstabet fuq il-karozza Fiat Punto, l-Isuzu Gemini* [li ghandha n-Numru ta’ Registrazzjoni IBA 643 u hija di proprjetà ta’ Carmelo Borg missier il-konvenuti ahwa Borg[30]] *u l-motorcyle Yamaha, hija kollha konnessa, din kif konfermata mix-xhieda mismugha u mill-provi misjuba fuq il-vetturi u anke fit-toroq fejn sehhew incidenti partikolari, u cioè in partikolari fit-triq fejn sehh l-incident taht il-fond Sion fi triq li ma tinfidx fejn il-motorcyle u l-Isuzu gew mahbutin u l-hsarat fuqhom misjuba hija kompatibbli u komparabbli ma’ xulxin. Il-hsara li nstabet fuq il-Fiat Punto ma hiex hsara konnessa mal-motorcycle u l-Isuzu Gemini … Il-motorcycle tal-marka Yamaha bin-numru ta’ registrazzjoni EBD-064 garrab ukoll hsarat ta’ natura estensivi meta l-Isuzu imsemmija telghet minn fuq il-partijiet ta’ wara tieghu tant li tkisret il-furketta ta’ wara w ix-chassis tghawweg. Din il-hsara hija ta’ natura estensiva.*

Fid-dawl ta' dawn il-provi li kjarament ipoggu lil Leo Borg fuq ix-xena taz-zewg reati fejn kienu involuti l-vettura ta' l-attrici u l-mutur ta' l-attur, huwa ferm difficli ghall-Qorti temmen li l-konvenut Leo Borg ma kienx involut f' dak li gara f' Ghawdex fit-8 ta' Novembru 2003 u li konsegwentement ma huwiex civilment responsabbli verso l-atturi konjugi Sultana ghad-danni sofferti minnhom b' konsegwenza ta' dak li gara dakinhar.

Il-Qorti però ma tistax tinjora l-implikazzjonijiet guridici ta’ l-ammissjoni tal-kjamat in kawza Zammit ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu fil-proceduri “Il-Pulizija v. Sean Zammit” partikolarment l-ewwel tlett akkuzi u cioè li *fit-8 ta’ Novembru 2003 ghall-habta tad-9:20 ta’ filghaxija gewwa l-Gharb, Ghawdex flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ANA079 ghad-dannu ta’ Anabel*

[29] Fol. 48 sa’ 66 tal-process.
[30] Rapport ta’ l-Ispettur Maurice Curmi, Dok. “MC1” a fol. 26 sa’ 27 tal-process.

*Sultana, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi … €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa*; *fl-istess data, hin, lok u cirkostazni, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè ghamel hsara fuq l-istess vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ANA079 ghad-dannu ta' Anabel Sultana, liema hsara tammonta ghal izjed minn … €1,164.69; fl-istess data, hin, lok u cirkostazni, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè ghamel hsara fuq mutur ta' l-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni EBD064 ghad-dannu ta' Twanny Sultana, liema hsara tammonta ghal izjed minn … €116.47 izda ma tiskorrix … €1,164.69.*

Fid-dawl ta' tali ammissjoni huwa wkoll ghandu jgorr ir-responsabilità civili ghall-agir tieghu fil-konfront ta' l-atturi konjugi Sultana u flimkien mal-konvenut Leo Borg ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni minnhom sofferti. Il-Qorti fil-fatt tqis li l-konvenut Leo Borg u l-kjamat in kawza Zammit huma civilment komplici bejniethom f'dak li gara fit-8 ta' Novembru 2003 gewwa Ghawdex a detriment ta' l-atturi konjugi Sultana, u dana fid-dawl tal-principju giridku li *la complicità civile è più estesa dalla penale ed abbraccia qualunque cooperazione al danneggiamenti siavi stato o no concerto precedente*[31], u ghaldaqstant ghandhom flimkien jaghmlu tajjeb ghad-danni minnhom sofferti.

In kwantu rigwarda l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-hsarat kawzati fil-vettura u fil-mutur meritu tal-kontestazzjoni, l-attur Twanny Sultana xehed illi *ghal dak li jirrigwardja hsara fil-mutur, jiena qabbadt surveyor professjonali illi ghamilli survey Report illi jien qed nesebixxi u qed jigi mmarkat bhala Dok. TS1. Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn ritratti tal-mutur u minn lista ta' parts li kien hemm bzonn biex iwassal ghall-ammont komplessiv ta' danni fis-somma ta' mitejn hamsa u erbghin Lira u sebghin centesimi (Lm245.40). L-istess*

[31] Camrelo Xuereb et v. Giovanni Micallef et, Appell Civili deciza fis-26 ta' Novembru 1923, citata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza Jane Carbonara pro et noe v. Mark Julian Ryan et, Citaz. Nru. 1448/97 deciza fit-28 ta' Jannar 2004.

*ghamilt ghal dak li jirrigwarda l-karozza u qed nesebixxi s-survey report kif ukoll ritratti u lista tal-parts li jkunu necessarji, biex iwasslu ghall-ammont globali ta' hsarat fil-vettura ta' elf sitt mija disgha u disghin lira u erbgha u disghin centesimi. Din is-Survey qed tigi mmarkata bhala Dok. TS2*[32]*.*

Is-survey reports relattivi ghall-mutur u ghall-vettura meritu tal-kontestazzjoni esebiti mill-attur bhala Dok. "TS1" a fol. 14 tal-process u Dok. "TS2" a fol. 18 sa' 20 tal-process – li minnhom jirrizulta li l-hsara fil-mutur tammonta ghall-valur ta' Lm245.70 u l-hsara fil-vettura tammonta ghal Lm1,699.94 – gew ikkonfermati minn Tarcisio Mercieca waqt is-seduta tal-21 ta' April 2004[33].

Ghalkemm il-konvenuti ahwa Borg eccipew illi l-ammont pretiz mill-atturi konjugi Sultana in linea ta' danni huwa ezagerat, ma tressqet ebda prova li sodisfacentement tikkontradici l-kontenut tas-survey reports imsemmija kif debitament ikkonfermati minn Tarcisio Mercieca. Ghaldaqstant, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex tillikkwida d-danni dovuti mill-konvenut Leo Borg u mill-kjamat in kawza Zammit flimkien, fis-somma ta' €572.32 (ekwivalenti ghal Lm245.70) in kwantu rigwarda hsarat kawzati fil-mutur ta' l-ghamla Yamaha bin-Numru ta' Registrazzjoni EBD 064 u fis-somma ta' €3,959.80 (ekwivalenti ghal Lm1,699.94) in kwantu rigwarda l-hsarat kawzati fil-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta' Registrazzjoni ANA 079, ghall-ammont komplessiv ta' **€4,532.12**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-konvenut Marc Borg, rapprezentat f'dawn il-proceduri minn missieru Carmelo Borg, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Leo Borg u tal-kjamat in kawza Shaun Zammit, tiddikjarahom flimkien responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi konjugi Sultana b'konsegwenza tal-hsarat kawzati fil-vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-Numru ta' Registrazzjoni ANA 079 u fil-mutur ta' l-ghamla

---

[32] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2004, fol. 11 sa' 13 tal-process.
[33] Fol. 33 tal-process.

Yamaha bin-Numru ta' Registrazzjoni EBD 064 fit-8 ta' Novembru 2003 gewwa Ghawdex, u konsegwentement tikkundannhom, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu lill-atturi konjugi Sultana in linea ta' danni s-somma komplessiva ta' €4,532.12, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief ghal dawk relattivi ghall-Mandat ta' Qbid ipprezentat kontra Carmelo Borg fit-18 ta' Novembru 2003, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut Leo Borg u mill-kjamat in kawza Shaun Zammit, flimkien u solidalment bejniethom. L-ispejjez relattivi ghall-imsemmi Mandat ta' Qbid ipprezentat kontra Carmelo Borg fit-18 ta' Novembru 2003 jibqghu a karigu ta' l-atturi konjugi Sultana.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------